# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **STORJA (Ġenerali)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

StudentBounty.com

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

1. Qabbel dawn li ġejjin. In-numru 1 qiegħed jingħata bħala eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Sir Gerald Strickland | Direttur ta' l-iskejjel primarji | |
| 2. | Sir Herbert Plumer | l-Assemblea Nazzjonali | |
| 3. | Kan. Pawlu Pullicino | Wieħed mill-vittmi tas-Sette Giugno | |
| 4. | Patrick J. Keenan | Gvernatur ta' Malta | |
| 5. | Ġużeppi Bajada | Rapport dwar l-Edukazzjoni | |
| 6. | Dr Filippo Sciberras | Segretarju Prinċipali tal-Gvern | 1 |

**(5x1=5)**

2. Poġġi dawn l-avvenimenti wara xulxin skond kif seħħew matul is-snin. In-numru wieħed qiegħed jingħata bħala eżempju.

| | |
|---|---|
| L-Għotja tal-Indipendenza | |
| L-Ewwel Kostituzzjoni tas-Self-Government | |
| Cardwell Principle | |
| Il-Libertà tal-Istampa | |
| Il-Kostituzzjoni tal-1835 | 1 |
| Malta Repubblika | |

**(5x1=5)**

3. Aqra dan il-paragrafu sewwa u wara wieġeb id-domandi **kollha.**

Fl-1887, il-Gvern Ingliż tana Kostituzzjoni ġdida, li permezz tagħha l-membri eletti kellhom il-maġġoranza fil-kunsill. Dan il-kunsill kellu s-setgħa li jagħmel liġijiet fuq materji li kellhom x'jaqsmu mal-affarijiet interni u kien ukoll jikkontrolla l-finanzi. Il-Kuruna Ingliża żammet il-jedd li tindaħal, iżda dan kellu jkun biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

(Traduzzjoni minn B. B. Lonet "The Story of Malta".

3.1 Liema kostituzzjoni kienet qiegħda taħdem qabel dik tal-1887?

_______________________________________________ (1)

3.2 Spjega eżatt kif kien magħmul il-Kunsill tal-Gvern skond il-kostituzzjoni tal-1887.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

3.3 Għid għaliex il-Kunsill tal-Gvern tal-1887 kien ferm aħjar minn dak ta' qablu.

_______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3.4 X'poteri kellu l-Kunsill tal-Gvern skond il-Kostituzzjoni tal-1887?

______________________________________________

3.5 X'kienet ir-raġuni għaliex intilfet il-Kostituzzjoni tal-1887?

______________________________________________ (1)

3.6 Għid għaliex il-Kostituzzjoni li ngħatat lilna fl-1903 xeħtitna 50 sena lura.

______________________________________________ (1)

3.7 X'kienet ir-reazzjoni tal-membri eletti wara l-għotja tal-Kostituzzjoni tal-1903?

______________________________________________ (2)

**(10 marki)**

4. Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi **kollha.**



4.1.1 F'din l-istampa qiegħda tidher biċċa bini ta' żmien il-ħakma Ingliża f'Malta. X'jissejjaħ dan il-bini?

______________________________________________ (1)

4.1.2 Semmi tnejn minnhom li nbnew matul il-ħakma Ingliża.

____________________ (1) ____________________ (1)

4.1.3 X'kien l-iskop li għalih inbnew?

______________________________________________ (1)

4.2 X'tip ta'armamenti kont issib f'dan il-bini?

______________________________________________ (1)

4.3 Dan il-bini qatt intuża għall-iskop li għalih sar? Għid għaliex.

______________________________________________ (2)

4.4 Semmi żewġ affarijiet li bihom gawdew il-Maltin b'bini ta' dan it-tip.

______________________________________________ (1)

______________________________________________ (1)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4.5 X'valur għandu dan il-bini llum u x'nistgħu nagħmlu biex inħarsuh aħjar?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5)

**(14-il marka)**

5. Ħares lejn din l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.



5.1.1 F'din l-istampa jidher laboratorju partikulari fid-Dipartiment tas-Saħħa l-Belt fejn fl-1905 saret skoperta importanti. Liema tabib Malti għamel din l-iskoperta?

______________________________________________ (1)

5.1.2 Ma' liema marda kienet marbuta din l-istampa?

______________________________________________ (1)

5.1.3 Liema annimal partikulari kellu rabta ma' din il-marda?

______________________________________________ (1)

5.1.4 X'parir ingħata lill-poplu Malti biex jevita din il-marda?

______________________________________________ (1)

5.2.1 Semmi żewġ mardiet jew epidemiji li laqtu lill-Gżejjer Maltin fis-sekli XIX u XX?

______________________ (1) ______________________ (1)

5.2.2 Semmi żewġ fatturi li kkaġunaw dan it-tip ta' mard.

______________________ (1) ______________________ (1)

5.3 Liema proġett kbir twettaq bejn l-1875 u l-1885 fl-inħawi tal-Port il-Kbir li wassal biex jitnaqqas dan il-mard?

______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5.4 Agħti l-isem ta' sptar li nbena matul il-ħakma Ingliża.

______________________________________________________________________

**(10 ma**

6. Aqra sewwa dan il-paragrafu u wieġeb id-domandi **kollha.**

Il-Palazz, Valletta,
4 ta' Marzu, 1867

Lis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji.
Londra.

Eċċellenza,

In-nuqqas ta'ilma qed jibda jinħass sewwa f'Malta. Ix-xita matul is-sena kienet ferm anqas minn dik tas-soltu. Il-bjar żvujtaw u f'diversi rħula n-nies qed jitwasslilhom l-ilma fi krietel minn postijiet 'il-bogħod.

Henry Storks
Gvernatur

Arkivju Nazzjonali Malti, Despatches to the Secretary of State, 4th March 1867, No. 18.

6.1 Għid jekk dan il-paragrafu hux sors primarju jew sekondarju.

______________________________________________________________________ (1)

6.2 Għaliex il-Gvernatur Storks bagħat din l-ittra Londra?

______________________________________________________________________ (1)

6.3.1 Għaliex in-nuqqas ta' xita kien qed joħloq problema għan-nies tal-irħula?

______________________________________________________________________ (1)

6.3.2 X'kien qed jagħmel il-Gvern biex itaffilhom din il-problema?

______________________________________________________________________ (1)

6.4.1 In-nuqqas ta' ilma effettwa industrija primarja importanti hawn Malta. Liema kienet?

______________________________________________________________________ (1)

6.4.2 X'kellhom jagħmlu uħud minn dawn in-nies biex jaqilgħu l-għejxien tagħhom?

______________________________________________________________________ (1)

6.5 X'kien għamel il-Gvern fis-snin 40 tas-seklu 19 biex itaffi l-problema tan-nuqqas ta' ilma fil-Kottonera?

______________________________________________________________________

(1)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6.6.1 Liema inġinier inġieb Malta mill-Gvern fis-snin 80 tas-seklu 19 biex jagħmel rap... fuq il-provista tal-ilma?

6.6.2 Semmi proġett li jġib ismu. (1)

6.6.3 X'għamel il-Gvern Ingliż biex iwassal l-ilma fid-djar? (bena ħafna ġibjuni - ikkomunika diversi rħula bil-kanen mal-Akwadott - bena Reverse Osmosis) (1)

**(10 marki)**

7. Aqra sewwa dan il-messaġġ u wara wieġeb id-domandi **kollha.**

**MESSAĠĠ MILL-POPLU MALTI (1960)**

Meta inti tieħu l-pass li tħalli 'l Malta, Malta, wara li rabbietek, ma tistax ma jisgħobbihiex għall-firda tiegħek. La taħsibx li Malta sejra tinsiek meta l-vapur tiegħek igħib wara x-xefaq. Il-familja Maltija kibret għall-grazzja t'Alla, imma d-dar tagħha, il-Gżejra tagħna, ma kibretx u għalhekk tinħtieġ il-firda għal artijiet oħra li joffru futur tajjeb lil uliedha.

Fl-Awstralja ma tkunx Malti waħdek. Hemm il-lum madwar 70,000 Malti f'dak il-pajjiż li nistgħu nsejħulu d-dar l-oħra tagħna. Ftakar fl-isem għoli li l-Maltin ta' qablek irnexxielhom jagħmlu fl-Awstralja bil-għaqal u l-ħidma tagħhom u ftakar ukoll fl-isem għoli li Malta għandha l-lum bis-saħħa tal-qlubija u tal-ħila li wriet matul l-aħħar gwerra. Meta inti tħalli 'l Malta warajk tidħol fir-risponsabbiltà ta' ambaxxatur ta' Malta u jiddependi mill-imġieba tiegħek jekk il-Maltin ta' l-Awstralja u art twelidek ikomplux igawdu l-isem li għandhom mal-poplu Awstraljan. Tinsiex li għal bosta snin oħra, ħafna u ħafna Maltin oħra jkun jinħtiġilhom jiġu warajk. Dan jista' jsir jekk il-bibien ta' l-Awstralja jibqgħu miftuħa għalihom – u dan jiddependi minnek.

Messaġ lill-emmigranti prospettivi (1960)

7.1 Ma' liema aspett tal-istorja soċjali ta' Malta jittratta dan il-paragrafu? (1)

7.2.1 F'dan il-paragrafu jissemma pajjiż 'il-bogħod partikulari. Liema hu? (1)

7.2.2 Għid għaliex, sa dak iż-żmien, kien diġà hemm rabta kbira bejn Malta u dak il-pajjiż. (1)

7.2.3 Spjega kif il-Maltin kienu jmorru hemm. (1)

7.2.4 Semmi żewġ modi kif kienu jgħinuhom il-Gvernijiet Maltin? (1) (1)

7.3 Minbarra l-pajjiż imsemmi fil-paragrafu, il-Maltin f'dak iż-żmien marru ukoll f'pajjiżi oħra. Semmi tnejn.

__________ (1) __________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7.4.1 F'dan il-paragrafu jissemma perijodu ikrah fl-istorja ta' Malta. Liema hu?

______________________________________________________________

7.4.2 X'kienet ir–raġuni għaliex wara dan il-perjodu ħafna Maltin kellhom jitilqu minn Malta?

______________________________________________________________ (1)

7.5 F'dan il-paragrafu nsibu appell partikulari lil ċerti Maltin. Għid fil-qosor x'kien dan l-appell.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

7.6 Dawk li ħallew pajjiżna ħallew xi qraba hawn Malta. Dawn kif setgħu gawdew?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

**(14-il marka)**

8. Ħares sewwa lejn dawn l-istampi u wara wieġeb id-domandi **kollha.**



8.1.1 Għal liema avveniment traġiku fl-istorja ta' Malta qed tirreferu din l-istampa?

______________________________________________________________ (1)

8.1.2 Żewġ blokki ħadu sehem kontra xulxin f'dan l-avveniment. Semmi tliet pajjiżi li ffurmaw parti minn wieħed minn dawn iż-żewġ blokki.

____________________ (1) ____________________ (1) ____________________ (1)

8.1.3 Għid għaliex Malta sabet ruħha nvoluta f'dan l-avveniment.

______________________________________________________________ (1)

8.1.4 Matul dan l-avveniment saru bombardamenti bl-ajru fuq il-Gżejjer Maltin. Agħti l-ismijiet ta' żewġ pajjiżi li l-ajruplani tagħhom ibbumbardjaw il-Gżejjer Maltin matul il-gwerra.

______________________________ (1) ______________________________ (1)

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8.2 Għaliex taħseb li n-numru ta' nies li mietu b'riżultat ta' dawn il-bumbardamenti ... Novembru 1941 kien biss 344?

8.3.1 Dan l-avveniment ħalla diversi effetti fuq il-ħajja tal-poplu Malti. Semmi tnejn minnhom.

(1)

(1)

8.3.2 Kif kienet il-qagħda tal-Maltin f'dak iż-żmien?

(1)

8.4 X'għamlu l-Inglizi biex isalvaw lil Malta mill-assedju fl-Lulju u Awwissu 1942?

(1)

**(12-il marka)**

9. Ikteb fit-tul fuq **waħda** minn dawn li ġejjin.

9.1 X'wassal għall-Irvellijiet tas-Sette Giugno. (8)
X'ġara dakinhar? (6)
X'kien ir-riżultat finali? (6)

9.2 Bejn l-1850 u l-1974 sar progress kbir fil-qasam tal-edukazzjoni f'pajjiżna. Iddiskuti. (20)

9.3 Spjega l-iżviluppi li saru fil-qasam tat-trasport bl-art u bil-baħar mill-1856 'il quddiem. (20)

**(20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers